MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Numru 815/2015

ILLUM 10 TA’ MARZU 2015

Il-Pulizija

Spettur Robert Vella

vs

Daniel Caruana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 270089m akkuzat talli:

1. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, hebbejt u ikkagunajt feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kristine Urzi’ liema feriti setghu ikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew mankament jew sfregu fil-wicc, fil-ghonq jew wahda mill-

idejn tal-offiz, u dan skond ma ccertifika Dr Mark Grech M.D. (Reg. No. 5538) mill-Isptar Mater Dei, Msida, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ksirt il-paci u l-ordni pubblika b’ghajjat, storbju w glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

F’kaz ta’ htija il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Kristine Urzi’ u tapplika l-provedimenti ta’ Artikli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi, fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Ikkunsidrat:

Li din il-kawza ta’ natura sommarja giet deciza unikament fuq l-ammissjoni tal-imputat, u d-dokumenti ‘ezebiti’ fost liema certifikat tat-tabib li assista medikament lill-parti leza certa Kristina Urzi’. Din ghalkemm debitament notifikata ma dehritx.

Fuq l-iskorta tac-certifikat mediku stante li l-Qorti mhux qeghda tirriskontra ebda mankament u/jew sfregju, qeghdha tikkonsidra l-griehi bhala ta’ natura hafifa, ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap 9.

Rat l-imsemmi artikolu issib l-imputat hati li ikkaguna ferita ta’ natura hafifa; bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah ghall-sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-resposabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------